MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 117/2006/1

**Martin Xerri**

**v.**

**Joseph Rapa u Carmel Rapa**

Dan hu provvediment fuq talba maghmula minn Martin Xerri fl-udjenza tat-18 ta’ Novembru 2013 ghar-rikuza tal-Imhallfin komponenti din il-Qorti wara li nghatat is-sentenza fis-17 ta’ Gunju 2012.

L-attur ghamel it-talba tieghu f’dawn it-termini:

"... ... ... jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti datata 17 ta' Gunju 2012 u senjatament ghall-paragrafu numru 21 ta' dik is-sentenza fejn jintqal il-kliem: *"zgur li ma kienitx issib lil Carmelo Rapa responsabbli in solidum ma' Joseph Rapa bi dritt da parti ta' Martin Xerri li jitlob l-ammont shih minghand Carmelo Rapa."* Illi huwa tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell diga' esprimiet ruhha fuq il-meritu tar-rikors tal-appellant, u konsegwentement jitlob li s-Sinjuri Imhallfin komponenti l-istess Qorti jirrikuzaw ruhhom minn dan il-kaz skond il-ligi."

Il-konvenut Carmel Rapa, tramite d-difensur tieghu oppona ghal din it-talba stante li din it-talba messa saret fl-ewwel seduta wara li kienet inghatat is-sentenza, u cioe` fis-7 ta' Ottubru 2013.

L-*iter* tal-process, sa fejn hu relevanti huwa s-segwenti:

Is-sentenza dwar ir-ritrattazzjoni nghatat fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2013, li fiha kienu prezenti d-difensuri tal-partijiet, u dakinhar il-kawza kienet giet differita ghas-7 ta' Ottubru 2013 ghal ftehim tal-appuntament li fih kellha ssir it-trattazzjoni.

Fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2013, li fiha kien hemm prezenti wkoll id-difensuri tal-partijiet, gie konkordat l-appuntament ghat-trattazzjoni, u l-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghat-18 ta' Novembru 2013.

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2013, meta allura skont il-verbal precedenti kellha ssir it-trattazzjoni, l-attur talab ir-rikuza kif fuq spjegat.

Illi, ghalkemm fit-talba tieghu l-attur ma indikax il-bazi legali u cioe` l-artikolu tal-ligi li fuqu qed iserrah it-talba tieghu, jidher li d-dispozizzjoni relevanti tal-ligi hija kontenuta fl-Artikolu 734 li, fil-parti relevanti tieghu, jaqra hekk:

**"734.** (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża -

"............... omissis................

"(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:

"Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn ilpartijiet, u lanqas għal sentenza li teħles *ab observantia*."

Din il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li din it-talba setghet giet sollevata fis-seduta precedenti ghal dik tat-18 ta' Novembru 2013 meta allura kellha ssir it-trattazzjoni, mhijiex tal-fehema li bis-silta citata mill-attur hija qatghet definittivament il-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Fis-sentenza tas-17 ta' Gunju 2013 li tat din il-Qorti kif komposta, gie trattat il-kriterju tal-qerq li kagun tieghu thassret is-sentenza precedenti u giet ordnata t-trattazzjoni.

Ghal kull buon fini din il-Qorti tippreciza li s-silta citata mill-attur ma tistax validament titqies *in vacuo*, izda ghandha tigi nterpretata fid-dawl tal-fatti li rrizultaw lil din il-Qorti, u cioe` li l-attur kien zamm mistur mill-konvenut Carmelo Rapa u mill-Qorti l-fatt li hu kien ghamel ftehim mal-konvenut Joseph Rapa fejn, fost affarijiet ohra, gie pattwit li l-attur kellu jcedi l-appell fil-konfront ta' Joseph Rapa. Kien ghalhekk li din il-Qorti issottolineat il-fatt li kieku l-Qorti kienet taf b'dan il-ftehim li allura kien jorbot lill-attur biex icedi l-appell fil-konfront ta' Joseph Rapa, Carmelo Rapa ma kienx jinstab responsabbli *in solidum* ma' Joseph Rapa li allura ma kienx ikollu aktar *locus standi* stante li l-appell fil-konfront tieghu jkun gie cedut.

Illi x-xenarju fattwali u legali li ghadu jezisti llum u li fuqu din il-Qorti <u>ghad trid taghti d-decizjoni taghha</u>, huwa differenti minn dak li kien jezisti li kieku Martin Xerri ceda l-appell fil-konfront ta' Joseph Rapa skond kif pattwit.

Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hi tal-fehema li t-talba tal-attur maghmula fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2013 mhijiex gustifikata.

Ghaldaqstant tichad it-talba, u tordna l-prosegwiment tas-smigh mill-gdid tal-Appell, bl-ispejjez a karigu tal-attur.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------